AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AST/126/12 — Assistenti (AST 3), settur tar-riċerka

(2012/C 394 A/02)

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjoni ġenerali abbażi tal-kwalifiki u testijiet sabiex tinħoloq lista ta' riżerva għar-reklutaġġ ta' assistenti (*) **fl-oqsma li ġejjin:**

1. **IL-BIJOLOĠIJA, IX-XJENZI TAL-ĦAJJA U TAS-SAĦĦA**

2. **IL-KIMIKA**

3. **IL-FIŻIKA U X-XJENZA TAL-MATERJALI**

4. **IR-RIĊERKA NUKLEARI**

5. **L-INĠINERIJA ĊIVILI U MEKKANIKA**

6. **L-INĠINERIJA ELETTRIKA U ELETTRONIKA**

Din il-kompetizzjoni għandha bħala għan it-tħejjija ta' lista ta' riżerva intenzjonata biex jimtlew postijiet battala fi ħdan numru ta' istituzzjonijiet Ewropej, prinċipalment għaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (CCR) tal-Kummissjoni Ewropea. Il-biċċa l-kbira tal-postijiet se jkunu disponibbli fl-Istituzzjonijiet differenti tas-CCR.

— L-Istitut tal-elementi Transuraniċi (ITU). Karlsruhe (il-Ġermanja),

— L-Istitut tal-Materjali u l-Kejl ta' Referenza (IRMM), Geel (il-Belġju)

— L-Istitut għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IHCP), Ispra (l-Italja)

— L-Istitut għall-Ambjent u l-Iżvilupp Sostenibbli (IES), Ispra (l-Italja)

— L-Istitut għall-Protezzjoni u s-Sigurtà taċ-Ċittadin (IPSC), Ispra (l-Italja)

— Il-ġestjoni tas-sit ta' Ispra (l-Italja).

— L-Istitut tal-Istudji tal-Prospettivi Teknoloġiċi (IPTS), Sevilja, (Spanja),

— L-Istitut tal-Enerġija (IE), Petten (il-Pajjiżi l-Baxxi).

Għall-qasam "riċerka nukleari", se jkun hemm disponibbli numru limitat ta' sitt (6) postijiet fil-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu, u b'mod partikolari fid-Direttorat Ġenerali tal-Enerġija (DG ENER).

Qabel tapplika, għandek taqra bir-reqqa l-gwida relatata mal-kompetizzjoni ġenerali ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali C 270 A tas-7 ta' Settembru 2012 kif ukoll fuq il-websajt tal-EPSO.

Din il-gwida, li tagħmel parti integrali mill-avviż tal-kompetizzjoni, se tgħinek tifhem ir-regoli dwar il-proċeduri u l-mod ta' kif tapplika.

(*) F'dan l-avviż kull referenza għal persuna tas-sess maskil hija wkoll għal persuna tas-sess femminil.

WERREJ

I. **QAFAS ĠENERALI**

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

IV. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL- KWALIFIKI**

V. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

VI. **LISTI TA' RIŻERVA**

VII. **KIF TAPPLIKA?**

ANNESSI

I. **QAFAS ĠENERALI**

1. **Numru ta' kandidati magħżula skont il-qasam**	**1 = 10** **2 = 10** **3 = 10** **4 = 16** **5 = 16** **6 = 16**
2. **Kummenti**	Int tista' tapplika f'qasam wieħed biss. Din l-għażla għandha ssir fil-ħin tal-applikazzjoni elettronika u ma tistax tinbidel ladarba tkun ikkonfermajt u vvalidajt l-applikazzjoni tiegħek b'mod elettroniku.

II. **DESKRIZZJONI TAL-FUNZJONIJIET**

Il-profili differenti rikjesti huma deskritti fl-anness.

III. **KUNDIZZJONIJIET TA' AMMISSJONI**

Fid-data tal-għeluq stabbilita għall-applikazzjoni elettronika, int għandek tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha ġenerali u speċifiċi li ġejjin:

1. **Kundizzjonijiet ġenerali**

(a) Tkun ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

(b) Li tgawdi mid-drittijiet ċivili tiegħek.

(c) Li tkun wettaqt kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet dwar ir-reklutaġġ applikabbli fil-qasam militari.

(d) Li tipproduċi r-referenzi dwar il-karattru meħtieġa, li jindikaw li int tajjeb biex twettaq il-funzjonijiet previsti.

2. **Kundizzjonijiet speċifiċi**

2.1.	**Kwalifiki** Ara l-punt 2 tal-annessi.

2.2.	**Esperjenza professjonali** Ara l-punt 3 tal-annessi.
2.3.	**Għarfien lingwistiku** ([1])
lingwa 1	**Lingwa prinċipali** għarfien profond ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
kif ukoll	
lingwa 2	**It-tieni lingwa (għandha tkun differenti mil-lingwa 1)** għarfien sodisfaċenti tal-Ġermaniż, l-Ingliż jew il-Franċiż ***B'konformità mas-sentenza mill-Qorti tal-UE (Grand Chamber) fil-Kawża C-566/10 P, Ir-Repubblika Taljana vs il-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet tal-UE huma mitluba jistqarru r-raġunijiet għal-limitu tal-għażla tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni għal numru ristrett ta' lingwi uffiċjali tal-UE.*** ***Għaldaqstant il-kandidati huma infurmati li l-għażliet tat-tieni lingwa f'din il-kompetizzjoni ġew definiti b'konformità mal-interess tas-servizz li jeħtieġ li l-kollegi ġodda reklutati jibdew jaħdmu mal-ewwel u jistgħu jikkomunikaw b'mod effiċjenti fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Jekk dan ma jkunx il-każ, it-tħaddim effettiv tal-istituzzjonijiet ikun affettwat ħażin ħafna.*** ***Abbażi ta' prassi tal-istituzzjonijiet tal-UE li ilha fir-rigward tal-lingwi użati għal komunikazzjoni interna u filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-ħtiġijiet tas-servizzi dwar il-komunikazzjoni esterna u l-immaniġġar tal-fajls, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż jibqgħu l-aktar lingwi użati. Barra minn hekk, l-Ingliż, il-Franċiż u l-Ġermaniż huma t-tieni lingwa l-aktar magħżula mill-kandidati tal-kompetizzjonijiet fejn għandhom għażla ħielsa. Dan jikkonferma l-istandards edukattivi u professjonali attwali, fejn il-kandidati għal karigi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jitqiesu li jafu tajjeb ħafna tal-inqas waħda minn dawn il-lingwi. Għaldaqstant, meta wieħed jibbilanċja l-interess tas-servizz u l-ħtiġijiet u l-ħiliet tal-kandidati billi jiġi kkunsidrat ukoll il-qasam partikolari ta' din il-kompetizzjoni, ikun ġust li jiġu organizzati testijiet f'dawn it-tliet lingwi sabiex jiġi żgurat li, tkun xi tkun l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom, il-kandidati kollha jkunu jafu tajjeb ħafna minn tal-inqas waħda mit-tliet lingwi uffiċjali fil-livell ta' xogħol. Barra minn hekk, l-interess ta' trattament ugwali tal-kandidati kollha, kulħadd, inkluż dawk li l-ewwel lingwa uffiċjali tagħhom hija waħda minn dawn it-tlieta, huwa meħtieġ li jagħmel it-test fit-tieni lingwa tiegħu jew tagħha, magħżula minn dawk it-tlieta. Il-valutazzjoni ta' ħiliet speċifiċi b'dan il-mod tippermetti lill-Istituzzjonijiet biex jevalwaw l-abilità tal-kandidati sabiex jaħdmu immedjatament f'ambjent li jaqbel mar-realtà li jsibu fl-impjieg. Dan huwa bla ħsara, sabiex jittardja t-taħriġ tal-lingwa sabiex tinkiseb ħila sabiex wieħed jaħdem bit-tielet lingwa b'konformità mal-Artikolu 45(2) tar-Regolamenti tal-Persunal.***

IV. **AMMISSJONI GĦALL-KOMPETIZZJONI U SELEZZJONI ABBAŻI TAL-KWALIFIKI**

1. **Proċedura**

L-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kif ukoll is-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki jsiru fl-ewwel fażi skont id-dikjarazzjonijiet li tkun ipprovdejt fl-applikazzjoni tiegħek.

(a) Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi se jkunu pproċessati sabiex jiġi ddeterminat jekk inti tagħmilx parti mil-lista tal-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni għall-kompetizzjoni.

([1]) Ara l-Qafas ta' Referenza Komuni Ewropew għall-Lingwi (CECR) — livell rikjest: lingwa 1 = C1, lingwa 2 = B2 (http://europass.cedefop.europa.eu/europass/home/hornav/Downloads/CEF/LanguageSelfAssessmentGrid.csp)

(b) Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni se jagħżel abbażi tal-kwalifiki sabiex jidentifika, fost il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni għall-kompetizzjoni, dawk il-kandidati li għandhom l-iktar kwalifiki rilevanti (speċjalment diplomi u esperjenza professjonali) fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-funzjonijiet u tal-kriterji għas-selezzjoni deskritti f'dan l-Avviż ta' Kompetizzjoni. Din is-selezzjoni ssir **biss** fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet tiegħek ipprovduti fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") u ssir f'żewġ stadji:

— l-ewwel selezzjoni abbażi tal-kwalifiki ssir **biss** skont ir-risposti mmarkati fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener") tal-applikazzjoni u skont il-piż mogħti lil kull waħda minn dawn il-mistoqsijiet. Skont l-importanza mogħtija lil kull kriterju msemmi fil-punt 4 tal-annessi, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi dan il-piż (minn 1 sa 3) qabel ma jipproċedi għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet. Imbagħad, l-applikazzjonijiet elettroniċi tal-kandidati li jkunu kisbu l-akbar numru ta' punti jgħaddu għat-tieni selezzjoni;

— in-numru ta' fajls evalwati matul it-tieni fażi ta' selezzjoni huwa ekwivalenti għal madwar **9 darbiet** in-numru ta' kandidati li għandhom ikunu magħżula f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni. Il-Bord tas-Selezzjoni jeżamina r-risposti tal-kandidati u jagħtihom marka minn 0 sa 4 għal kull tweġiba. Il-marki, immultiplikati bil-piż mogħti lil kull mistoqsija, jingħaddu ma' xulxin sakemm tinkiseb il-marka globali.

Imbagħad, il-Bord tas-Selezzjoni jistabbilixxi klassifika tal-kandidati skont dawn il-marki globali. In-numru ta' kandidati mistiedna ([2]) għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jikkorrispondi għal mhux iktar minn **3 darbiet** in-numru ta' kandidati li għandhom jiġu magħżula. Dan in-numru se jkun ippubblikat fuq il-websajt tal-EPSO (http://blogs.ec.europa.eu/eu-careers.info/).

2. **Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-kandidati**

Meta joħorġu r-riżultati tat-testijiet, u fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, id-dikjarazzjonijiet li jsiru mill-kandidati fl-applikazzjoni elettronika tagħhom se jiġu vverifikati mill-EPSO għall-konformità mal-kundizzjonijiet ġenerali, filwaqt li l-Bord ta' Selezzjoni jagħmel l-istess għall-kundizzjonijiet speċifiċi abbażi tad-dokumenti ġustifikattivi pprovduti mill-kandidati. Għall-evalwazzjoni tal-kwalifiki, id-dokumenti ġustifikattivi se jkunu kkunsidrati biss biex jikkonfermaw ir-risposti diġà mogħtija fis-sezzjoni "Evalwazzjoni tal-Kapaċitajiet" ("Talent Screener"). Jekk matul din il-verifika jinstab li dawn id-dikjarazzjonijiet ([3]) mhumiex ikkonfermati mid-dokumenti ġustifikattivi rilevanti, il-kandidati kkonċernati se jkunu eskluży mill-kompetizzjoni.

Il-verifika ssir b'ordni dixxendenti ta' mertu, għall-kandidati li kisbu l-minimu meħtieġ u l-aħjar marki totali għall-eżamijiet (d), (e), (f) u (g). Il-kandidati jridu wkoll ikunu ġabu l-minimu meħtieġ fit-testijiet tal-kapaċità (a), (b) u (c). Din il-verifika tibqa' ssir sakemm jintlaħaq in-numru ta' kandidati li jistgħu jitniżżlu fil-lista ta' riżerva u li effettivament jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha tal-ammissjoni. Id-dokumenti ġustifikattivi tal-kandidati li jikklassifikaw taħt dan in-numru mhux se jiġu eżaminati.

V. **KOMPETIZZJONI ĠENERALI**

1. **Stedina għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni**	Jekk inti tkun wieħed mill-kandidati ([4]) li — skont id-dikjarazzjonijiet tagħhom fl-applikazzjoni elettronika, jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali u speċifiċi tat-Taqsima III. **kif ukoll** — ikunu kisbu waħda mill-aħjar marki fl-għażla abbażi tal-kwalifiki, inti tiġi mistieden għal ċentru ta' evalwazzjoni ([5]) li normalment isir fi Brussell, mifruxa fuq **ġurnata waħda jew tnejn.**

([2]) Il-kandidati li ma jiġux mistiedna għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni jirċievu r-riżultati tal-evalwazzjoni tagħhom kif ukoll il-piż ta' kull mistoqsija mingħand il-Bord tas-Selezzjoni.

([3]) Din l-informazzjoni tiġi verifikata, abbażi tad-dokumenti ta' prova, qabel ma tiġi stabbilita l-lista ta' riżerva (ara t-Taqsima VI, il-punt 1 u t-Taqsima VII, il-punt 2).

([4]) Jekk fil-każ li fl-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati jkunu ammessi għall-eżaminijiet ta' evalwazzjoni.

([5]) Minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, it-testijiet ta' raġunament kif ukoll l-eżami miktub (e) jistgħu jsiru fiċ-ċentri tal-ittestjar fl-Istati Membri, u/jew fi Brussell, indipendentement minn eżamijiet oħra li jsiru fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni.

2. **Ċentru ta' evalwazzjoni**	Inti tintalab toqgħod għal tliet tipi ta' evalwazzjoni: — ħiliet ta' raġunament: testijiet (a), (b) u (c) — kompetenzi speċifiċi: testijiet (d) u (e) — kompetenzi ġenerali: testijiet (f) u (g) — **il-kapaċità tiegħek fejn jidħol ir-raġunar** permezz tat-testijiet ([6]) li ġejjin: (a) test tar-raġunament verbali (b) test tar-raġunament numeriku (c) test tar-raġunament astratt — **il-kompetenzi speċifiċi** fil-qasam permezz tat-testijiet li ġejjin: (d) Intervista strutturata dwar il-kompetenżzi tiegħek fil-qasam, notevolment *abbażi ta' informazzjoni pprovduta fil-parti "Evalwazzzjoni tat-talent" ("Talent Screener") fl-applikazzjoni* (e) eżami miktub (tfassil ta' rapport) — **il-kompetenzi ġenerali** ([7])**:** — Analiżi u soluzzjoni tal-problemi — Komunikazzjoni — Kwalità u riżultati — Tagħlim u żvilupp — Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni — Reżiljenza — Ħidma fi grupp permezz ta': (f) eżerċizzju fi grupp (g) intervista strutturata dwar il-kompetenzi ġenerali tiegħek **Se jiġu ttestjati dawn il-kompetenzi ġenerali skont it-tabella li ġejja:**

	Eżerċizzju fi grupp (f)	Intervista strutturata (g)
Analiżi u soluzzjoni tal-problemi	x	
Komunikazzjoni		x
Kwalità u riżultati		x
Tagħlim u żvilupp	x	x
Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni	x	x
Reżiljenza;	x	x
Ħidma fi grupp	x	x

3. **Lingwa tal-eżamijiet**	Lingwa 1 għat-testijiet (a), (b) u (c) Lingwa 2 għat-testijiet (d), (e), (f) u (g)

([6]) Il-kontenut jiġi vvalidat mill-Bord tas-Selezzjoni.
([7]) Dawn il-kompetenzi huma mfissra fid-detall fil-punt 1.2 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjoni ġenerali.

4. **Marki**	**Ħiliet ta' raġunament** (a) verbali minn 0 sa 20 punt minimu meħtieġ: 10 punti (b) numeriku minn 0 sa 10 punti (c) astratt minn 0 sa 10 punti il-minimu meħtieġ għat-testijiet kollha (b) u (c): 10 punti It-testijiet (a), (b) u (c) huma eliminatorji iżda l-punti tagħhom mhux se jkunu miżjuda mal-punti ta' testijiet oħra. **Kompetenzi speċifiċi** test (d): minn 0 sa 50 punt minimu meħtieġ: 25 punt test (e): minn 0 sa 50 punt minimu meħtieġ: 25 punt **Peżar: 65 % tal-marka globali** **Kompetenzi ġenerali (eżamijiet (f) u (g))** minn 0 sa 10 punti għal kull kompetenza ġenerali minimu meħtieġ: 3 punti għal kull kompetenza **u** 35 punt minn 70 għas-7 kompetenzi ġenerali kollha **Peżar: 35 % tal-marka globali**

VI. **LISTI TA' RIŻERVA**

1. **Lista ta' riżerva**	Il-Bord tas-Selezzjoni jniżżel ismek fil-lista ta' riżerva — jekk inti tkun fost il-kandidati ([8]) li jkunu kisbu l-marki minimi meħtieġa għat-testijiet u l-eżamijiet kollha (a) sa (g) u waħda mill-aħjar marki għall-eżamijiet (d), (e), (f) u (g) (ara l-għadd ta' dawk li jgħaddu, Titolu I, punt 1) — **u jekk, fid-dawl tad-dokumenti ġustifikattivi**, inti tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tad-dħul.
2. **Klassifika**	Il-lista titfassal skont il-qasam u skont l-ordni alfabetiku.

VII. **KIF TAPPLIKA?**

1. **Applikazzjoni elettronika**	Għandek tapplika b'mod elettroniku billi ssegwi l-proċedura indikata fuq il-websajt tal-EPSO, u b'mod speċjali fil-Manwal tal-Applikazzjoni. **Data tal-għeluq (inkluża l-validazzjoni): it-22 ta' Jannar 2013 f'nofsinhar,** ħin ta' Brussell
2. **Fajl**	**Jekk inti tkun fost il-kandidati** ammessi għall-eżami ta' evalwazzjoni, inti tkun trid iġġib miegħek ([9]) il-fajl komplut tal-kandidatura (l-applikazzjoniji elettronika ffirmata flimkien ma' dokumenti ġustifikattivi) meta inti tiġi fiċ-ċentru ta' evalwazzjoni. **Proċedura**: ara l-punt 6.1 tal-gwida applikabbli għall-kompetizzjonijiet ġenerali.

([8]) Fil-każ fejn, għall-aħħar post diversi kandidati jkunu kisbu l-istess marka, dawn il-kandidati kollha se jkunu inklużi fil-lista ta' riżerva.

([9]) Id-data ta' meta inti għandek tmur għaċ-ċentru ta' evalwazzjoni tiġi kkomunikata lilek fi żmien opportun permezz tal-kont tiegħek mal-EPSO.

ANNESS 1

QASAM 1: BIJOLOĠIJA, XJENZI TAL-ĦAJJA U TAS-SAĦĦA

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi tal-laboratorju

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija jagħmlu xogħol f'laboratorju/ jagħtu assistenza teknika fil-qasam tar-riċerka bijoloġika, u dik dwar ix-xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa.

It-tekniċi fil-laboratorju xjentifiku huma responsabbli għal kompiti bbażati fil-laboratorju, li jinkludu t-teħid ta' kampjuni, it-testjar, il-kejl, ir-reġistrar u l-analiżi ta' riżultati fix-xjenzi bijoloġiċi, tal-ħajja u tas-saħħa. Jipprovdu wkoll l-appoġġ tekniku kolllu meħtieġ biex il-laboratorju jkun jista' jiffunzjona effettivament filwaqt li jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji-gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza profefssjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tal-bijoloġija, u tax-xjenzi tal-ħajja u tas-saħħa.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali tall-ħidma f'laboratorju tax-xjenza tal-ħajja.
2. Esperjenza professjonali tal-ħidma b'sustanzi kumiċi f'kompartimenti bl-ingwanti.
3. Esperjenza professjonali ta' tekniki speċifiċi ta' kejl fix-xjenzi tal-ħajja (pereż. ċitometrija tal-flussi, tal-ispettometrija, tal-metodi kromatografiċi, tal-metodoloġiji bbażati fuq il-PCR, eċċ.).
4. Esperjenza professjonali ta' sistemi ta' kwalità relatati max-xjenzi tal-ħajja bħal ma huma ISO 17025, GLP.
5. Esperjenza professjonali tal-mikroskopija elettronika u ottika.
6. Esperjenza professjonali ta' ħidma fuq kulturi ta' ċelloli tal-mammiferi u ħidma f'kundizzjonijiet ta' sterilità.
7. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti tekniċi dwar riżultati ta' esperimenti
8. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' dokumenti tekniċi għall-manteniment ta' strumentazzjoni teknika f'laboratorju tax-xjenzi tal-ħajja.
9. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
10. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri u l-ispeċifikazzjonijiet.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal-kompetizzjoni.

ANNESS 2

QASAM 2: KIMIKA

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi tal-laboratorju

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija jagħmlu xogħol f'laboratorju/ jagħtu assistenza teknika fil-qasam tar-riċerka kimika.

It-tekniċi fil-laboratorju xjentifiku huma responsabbli għal kompiti bbażati fil-laboratorju, li jinkludu t-teħid ta' kampjuni, it-testjar, il-kejl, ir-reġistrar u l-analiżi ta' riżultati fil-kimika. Jipprovdu wkoll l-appoġġ tekniku kolllu meħtieġ biex il-laboratorju jkun jista' jiffunzjona effettivament filwaqt li jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji-gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tal-kimika.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali ta' proċessi tekniċi kimiċi ġenerali f'laboratorju.
2. Esperjenza professjonali ta' proċessi tekniċi radjokimiċi f'laboratorju. tal-manipulazzjoni ta' soluzzjonijiet radjuattivi f'kompartimenti bl-ingwanti u b'manipulaturi f'ċelloli jaħarqu.
3. Esperjenza professjonali tal-ispettroskopija tal-massa; ta' proċessi tekniċi ta' ablazzjoni bil-laser ikkumbinati (ICP-MS & ICP-OES).
4. Esperjenza professjonali tas-separazzjoni kromatografika u tekniki analitiċi (GC, HPLC b'diversi detettuti, GC-MS, HPLC-MS, eċċ.).
5. Esperjenza professjonali tal-analiżi kimika mxarrba u ta' tekniki ta' separazzjoni u tekniki ta' separazzjoni solventi, jiġifieri estrazzjoni tal-faži solida, id-distillar likwidu-likwidu, id-distillar, l-estrazzjoni aċċellerata tas-solvent, microwave, eċċ.
6. Esperjenza professjonali tal-mikroskopija elettronika, ottika, u ta' tekniki ta' analiżi tal-wiċċ elettro-ottika (pereż. Auger, TIMS, Raman, FT-IR, florexxenza, UV).
7. Esperjenza professjonali tal-validazzjoni ta' metodi analitiċi u tqabbil bejn il-laboratorji.
8. Esperjenza professjonali
   — tad-definizzjoni u tfassil ta' esperimenti biex ikun jista' jsir kejl.
   — tal-ikkalibrar u t-twettiq ta' manteniment ta' apparat għal attivitajiet fil-laboratorju kimiku, jiġifieri l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni ta' kimiċi f'diversi medja matriċi, u
   — tat-twettiq ta' kejl kimiku skont speċifikazzjonijiet mogħtija.
9. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
10. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi u fit-twettiq ta' testijiet ta' aċċettazzjoni sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri/l-ispeċifikazzjoni.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal- kompetizzjoni.

ANNESS 3

QASAM 3: FIŻIKA U XJENZI TAL-MATERJALI

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi tal-laboratorju

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija jagħmlu xogħol f'laboratorju/ jagħtu assistenza teknika fil-qasam tar-riċerka dwar il-fiżika u x-xjenzi materjali.

It-tekniċi tal-laboratorju xjentifiku huma responsabbli għal kompiti bbażati fil-laboratorju, li jinkludu t-teħid ta' kampjuni, it-testjar, il-kejl, ir-reġistrar u l-analiżi ta' riżultati fix-xjenza fiżika u materjali. Jipprovdu wkoll l-appoġġ tekniku kolllu meħtieġ biex il-laboratorju jkun jista' jiffunzjona effettivament filwaqt li jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji-gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tal-fiżika u tax-xjenzi tal-materjali.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali ta' tekniki ġenerali f'laboratorju fiżiku.
2. Esperjenza professjonali ta' tekniki ta' ttestjar mhux distruttiv, jiġifieri l-metroloġija, l-ispezzjoni viżwali, tekniki ultrasound, il-profilometrija.
3. Esperjenza professjonali tal-ispettroskopija tal-massa, tat-tekniki tal-vakuum, tat-tekniki u l-kejl tal-lasar.
4. Esperjenza professjonali ta' materjali ta' temperatura għolja u ta' teknoloġija tal-ifran b'temperatura għolja, tal-kejl ta' temperaturi għolji, tal-pirometrija.
5. Esperjenza professjonali fl-ittestjar mekkaniku tal-materjali: l-ebusija, l-ittestjar tensili jew tat-tgħawwiġ, eżaminazzjoni tal-wiċċ fratturat.
6. Esperjenza professjonali tal-mikroskopija u l-mikroskopija elettro-ottikali, tat-tekniki ta' analiżi elettro-ottriċi u ta' tekniki analitiċi tal-wiċċ.
7. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti tekniċi dwar riżultati ta' esperimenti
8. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
9. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri u l-ispeċifikazzjonijiet.
10. Esperjenza professjonali tat-twettiq ta' testijiet ta' aċċettazzjoni għall-apparat mixtri.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal-kompetizzjoni.

ANNESS 4

QASAM 4: RIĊERKA NUKLEARI

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi tal-laboratorju

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija jagħmlu xogħol f'laboratorju/ jagħtu assistenza teknika fil-qasam tar-riċerka nukleari.

It-tekniċi fil-laboratorju xjentifiku huma responsabbli għal kompiti bbażati fil-laboratorju, li jinkludu t-teħid ta' kampjuni, it-testjar, il-kejl, ir-reġistrar u l-analiżi ta' riżultati fil-qasam tar-riċerka nukleari. Jipprovdu wkoll l-appoġġ tekniku kolllu meħtieġ biex il-laboratorju jkun jista' jiffunzjona effettivament filwaqt li jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji-gwida dwar is-saħħa u s-sigurtà.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tar-riċerka nukleari.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali tal-ħidma f'laboratorju nukleari u ta' proċeduri ta' radjuprotezzjoni.
2. Esperjenza professjonali tal-ħidma b'materjali radjuattivi f'kompartimenti bl-ingwanti u ta' ċelloli jaħarqu bil-manipulaturi.
3. Esperjenza professjonali ta' tekniki ta' ttestjar mhux distruttiv, jiġifieri l-metroloġija, l-ispezzjoni viżwali, tekniki ultrasound, il-profilometrija.
4. Esperjenza professjonali tal-ispettroskopija tal-massa, l-ispettroskopija gamma, l-ispettroskopija beta/alfa, it-tekniki ta' skannjar/ ta' tomografija, it-teknoloġija tal-vakum, it-teknoloġija tal-ifran.
5. Esperjenza professjonali fis-sistemi ta' kontenjment u ta' sorveljanza.
6. Esperjenza professjonali fl-ittestjar mekkaniku tal-materjali: l-ebusija, l-ittestjar tensili jew tat-tgħawwiġ, eżaminazzjoni tal-wiċċ fratturat.
7. Esperjenza professjonali tal-mikroskopija ottika u l-mikroskopija elettro-ottika, u tekniki ta' analiżi elettro-ottika, jiġifieri EDS, EMPA, SIMS.
8. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti tekniċi dwar riżultati ta' esperimenti
9. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
10. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri u l-ispeċifikazzjonijiet.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal-kompetizzjoni.

ANNESS 5

QASAM 5: INĠINERIJA ĊIVILI U MEKKANIKA

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi

L-uffiċjali reklutati jkunu mistennija li jipprovdu assistenza teknika fil-qasam tal-inġinerija ċivili u mekkanika.

It-tekniċi fil-qasam tal-inġinerija ċivili u mekkanika jipprovdu sostenn billi jassistu lill-inġiniera fir-riċerka u fl-applikazzjoni prattika ta' prinċipji tax-xjenza, il-matematika, il-mekkanika u l-inġinerijia fit-tfassil ta' apparat għall-bini, il-kostruzzjonijiet, u apparat mekkaniku. Huma jipprovdu s-sostenn tekniku kollu meħtieġ u jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji gwida dwar is-sikurezza.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tal-inġinerija ċivili u mekkanika.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali tal-manifattura ta' komponenti mekkaniċi.
2. Esperjenza professjonali tat-tfassil ta' komponenti mekkaniċi (sew b'soluzzjonijiet CAD-CAM kif ukoll mingħajrhom).
3. Esperjenza professjonali tat-teknoloġiji tal-muntaġġ u l-welding.
4. Esprjenza professjonali tal-ħidma f'ambjent nukleari.
5. Esperjenza professjonali tal-użu ta' għodod mekkaniċi u s-superviżjoni tagħhom.
6. Esperjenza professjonali tat-tfassil ta' infrastruttura u ta' speċifikazzjonijiet tekniċi.
7. Esperjenza professjonali tad-disinn ta' sistemi ta' infrastruttura idrawlika jew ta' ventilazzjoni, u l-ispeċifikazzjonijiet għaliha.
8. Esperjenza professjonali tal-manteniment ta' stallazzjonijiet mekkaniċi f'impjanti industrijali.
9. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
10. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi u fit-twettiq ta' testijiet ta' aċċettazzjoni sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri/l-ispeċifikazzjoni.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal-kompetizzjoni.

ANNESS 6

QASAM 6: INĠINERIJA ELETTRIKA U ELETTRONIKA

1. **Deskrizzjoni tal-funzjonijiet**

Tekniċi

L-uffiċjali reklutati ikunu mistennija li jipprovdu assistenza teknika fil-qasam tal-inġinerija elettrika u elettronika.

It-tekniċi fil-qasam tal-inġinerija elettrika u elettronika jipprovdu sostenn billi jassistu lill-inġiniera fir-riċerka u fl-applikazzjoni prattika ta' prinċipji tax-xjenza, il-matematika, il-mekkanika u l-inġinerijia fit-tfassil, l-iżvilupp u l-istallazzjoni ta' apparat elettriku u elettroniku. Huma jipprovdu s-sostenn tekniku kollu meħtieġ u jaderixxu ma' proċeduri korretti u ma' linji gwida dwar is-sikurezza.

2. **Kwalifiki**

Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji postsekondarji kkompletati, iċċertifikati b'diploma fi tmiem l-istudju, li jkollha x'taqsam mal-qasam ikkonċernat.

JEW

Livell ta' edukazzjoni sekondarja, ġenerali jew teknika, iċċertifikat minn diploma li tagħti aċċess għall-edukazzjoni għolja segwita minn esperjenza professjonali ta' perjodu minimu ta' tliet snin li minnhom tnejn ikunu fil-qasam rilevanti.

NB: L-esperjenza professjonali ta' mill-inqas tliet snin għandha tkun tagħmel parti integrali mid-diploma u ma tistax tiġi kkunsidrata man-numru ta' snin ta' esperjenza professjonali meħtieġa hawn isfel.

3. **Esperjenza professjonali**

Esperjenza professjonali ta' mill-anqas **tliet snin** fil-qasam tal-inġinerija elettrika u elettronika.

Din l-esperjenza professjonali hija rilevanti biss jekk tkun inkisbet wara l-għoti tad-diploma li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni.

4. **Kriterji għas-selezzjoni**

Fil-qafas tas-selezzjoni abbażi tal-kwalifiki, il-Bord tas-Selezzjoni se jikkunsidra l-kriterji li ġejjin:

1. Esperjenza professjonali ta' tekniki tal-laboratorju elettrotekniku/elettroniku.
2. Esperjenza professjonali tat-twettiq ta' kejl elettriku/elettroniku fuq speċifikazzjonijiet mogħtija, jiġifieri sistemi ta' akkwist ta' dejta, strumentazzjoni speċifika, kontroll mill-bogħod, ġestjoni ta' dejtabase, ħiliet fuq il-kompjuter.
3. Esperjenza professjonali tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' ċirkwiti elettriċi/elettroniċi għal ħtiġijiet speċifiċi, jiġifieri kejl speċifiku jew funzjonijiet loġiċi, ċirkwiti ta' vultaġġ għoli jew baxx, bordijiet ta' ċirkwiti stampati, l-immuntar ta' komponenti, il-verifikazzjoni ta' ċirkwiti/it-tneħħija ta' difetti minnhom, ċirkwiti programmabbli FPGA CPLD, mikroproċessuri.
4. Esperjenza professjonail tat-twaqqif ta' pjan elettriku/elettroniku li jinkludi kontrollur loġiku programmabbli (PLC) u/jew regolaturi servo, jiġifieri regolazzjoni bażika u kunċett ta' kontroll servo, stallazzjoni ta' hardware, implimentazzjoni/verifikazzjoni ta' softwer, lingwi tas-sofwer.
5. Esperjenza professjonali tal-manteniment ta' stallazzjonijiet elettriċi/elettroniċi, jiġifieri organizzazzjoni ta' manteniment u ppjanar, verifikazzjoni ta' manteniment, ġestjoni ta' spares.
6. Esperjenza professjonali tat-twettiq ta' kalibrazzjoni ta' apparat skont proċedura predefinita u ta' pjan ta' manteniment, jiġifieri tekniċi ta' kalibrazzjoni, proċeduri ta' ċertifikazzjoni u ppjanar ta' standards ISO u IEC.
7. Esperjenza professjonali fit-tfassil ta' rapporti tekniċi dwar riżultati ta' esperimenti.
8. Esperjenza professjonali tal-abbozzar ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għax-xiri ta' materjal tal-laboratorju u tat-tqabbil ta' apparat differenti għall-ittestjar sabiex jintgħażlu dawk l-aktar xierqa għall-ħtiġijiet tal-laboratorju.
9. Esperjenza professjonali ta' attivitajiet ta' segwitu li jsiru minn kuntratturi sabiex tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mal-ordni tax-xiri u l-ispeċifikazzjonijiet.
10. Esperjenza professjonali tat-twettiq ta' testijiet ta' aċċettazzjoni għall-apparat mixtri.
11. Esperjenza professjonali tal-verifika tal-konformità ta' kif ikun imqassam laboratorju mar-regoli applikabbli ta' sigurtà.
12. Esperjenza professjonali marbuta ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma l-oħra tal-kompetizzjoni.